# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 1059/2022**

***LUIGI BONNACORSI***

***VS.***

***ANTHONY ZARB U TEREZA ZARB***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba ta' Anthony u Tereża Żarb imressqa b'rikors tal-**4 ta' Novembru, 2022** sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru 1559/2021;

2. Minn dak li setgħet tifhem il-qorti għaliex ir-rikors huwa xott kemm jista' jkun, dak li qed jitolbu Anthony u Tereża Żarb huwa li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1559/2021 m'għandux jibqa' fis-seħħ minħabba li ġa ġew depożitati flejjes fir-reġistru tal-qorti li jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni msemmija minn Luigi Bonnacorsi fl-istess mandat;

3. Anthony u Tereża Żarb ma indikawx fuq liema subinċiż tal-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huma sejsu din it-talba tagħhom, madankollu l-qorti qiegħda tifhem li t-talba tagħhom tinsab mibnija fuq l-**artikolu 836(1)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li mandat jista' jitħassar f'kollox jew f'parti minnu jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;

4. Luigi Bonnacorsi wieġeb fil-**<u>15 ta' Novembru, 2022</u>** u qal biss li l-mandat għandu jibqa' kif inhu għaliex jgħid li l-pretensjoni tiegħu hija bbażata fuq il-fatt li Anthony u Tereża Żarb ma jridux iroddulu lura t-tagħmir tiegħu li huma stmati li jiswew aktar minn €27,000;

5. Jirriżulta li fid-19 ta' Ottubru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Luigi Bonnacorsi biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1559/2021 kontra Anthony u Tereża Żarb, fl-ammont ta' €25,000. Fost is-sekwestratarji kien hemm il-Bank of Valletta plc u l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta;

6. B'nota tas-26 ta' Ottubru, 2022, l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta indikat li hi ma kellhiex flejjes ta' Anthony u Tereża Żarb imma kienet ħa tieħu miżuri dwar it-trasferimenti tal-vetturi rreġistrati fuq Anthony Żarb;

7. Min-naħa l-oħra, b'ċedola tat-8 ta' Novembru, 2021, il-Bank of Valletta plc iddepożita s-somma ta' €25,000;

8. Dan kollu meqjus, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex il-garanzija titqies bħala waħda tajba, din trid tkun ġejja minn assi jew flus tal-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat (ara *inter alia* ***Paul Caruana v. Rudolph Gaerty*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Settembru, 2009). Ifisser dan li l-ġid li jkun qiegħed jiġi provdut bħala garanzija jrid ikun wieħed li jkun disponibbli lill-esekutat u mhux ġid li l-esekutat ikun qiegħed igawdi minnu bir-rieda ta' terzi (ara ***Office Technology Ltd v. J.M. Supplies Co. Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 1999);

9. L-importanti huwa li l-garanzija trid tkun waħda soda, ċara u li tista' tiġi użata mill-persuna li jkun kiseb il-mandat (ara ***Ranger Company Ltd v. Euro Imports Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar, 2003 u ***Jamar Malta Limited v. Office Group Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Awwissu, 2012);

10. Illi fil-każ tagħna, is-somma ta’ €25,000 depożitata biċ-ċedola ta’ Bank of Valletta plc tagħmel tajjeb għas-somma kollha mitluba fil-mandat minn Luigi Bonnacorsi. Għalhekk il-qorti tinsab sodisfatta li teżisti garanzija biżżejjed skont l-**artikolu 836(1)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tilqa’ t-talba** ta’ Anthony u Tereża Żarb mressqa bir-rikors tal-4 ta’ Novembru, 2022 u tordna b’hekk it-tħassir tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 1559/2021, maħruġ fid-19 ta’ Ottubru, 2021, għall-finijiet tal-**artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** safejn jolqot is-sekwestratarji kollha ħlief il-Bank of Valletta plc.

Spejjeż marbuta ma’ dawn il-proċeduri huma riżervati għall-ġudizzju fil-mertu bejn il-partijiet;

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar il-Ħamis, 17 ta’ Novembru, 2022**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**